1 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Curmi

**Storbju u Glied — Offiżi — Rinunzja — Estinzjoni ta' l-Azzjoni.**

*Is-sempliċi litigar bid-diskors f'Għassa tal-Pulizija, anki jekk akkompanjat minn swat, ma jikkostitwixxix ir-reat ta' disturb tal-publiku bon ordni, li huwa ħaġa differenti mir-reat ta' disturb tal-kwiet tal-publiku, li jsir bl-għajjat u b'modi oħra.*

*Dak il-litigar langas jikkostitwixxi r-reat ta' disturb tal-kwiet publiku; u langas ma jikser il-publiku bon ordni, billi jinġemgħu barra xi nies kurjużi biex jaraw u jisimgħu x'ġara. B'mod illi alluru*

*jibqa' l-fatt iżolat ta' swat kommess fl-Għassa tal-Pulizija, u mhux fi triq publika — reat li huwa persegwibili fuq istanza tal-parti offiża.*

*Hu veru li l-liġi tagħti lill-Pulizija l-jedd li tipproċedi "ex officio" fil-każijiet li huma persegwibili fuq istanza tal-parti offiża, meta din għeluq erbat jiem wara r-reat, ma tkunx irrinunzjat għall-kwerela; iżda b'daqshekk l-azzjoni ma ssirx eskluživament tal-Pulizija.*

*U ladarba r-reat huwa persegwibili fuq istanza privata, il-parti offiża tista' tirrinunzja għall-azzjoni dejjem, sas-sentenza, anki meta l-proċediment ikun inbeda mill-Pulizija "ex officio".*

*Għalda qstant, jekk ir-reat ta' offiża ma jkunx akkompanjat bid-disturb tal-publiku bon ordni jew tal-kwiet tal-publiku, ikun hemm estinzjoni ta' l-azzjoni jekk il-parti offiża tirrinunzja; avvolja l-proċediment ikun sar mill-Pulizija "ex officio".*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli l-Hamrun, fid-9 ta' Settembru 1951, ġo l-Għassa tal-Pulizija, għamel storbju bl-għajjat u sawwat lil Joseph Seguna, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 1951, iddikjarat l-azzjoni estinta bir-riunzja;

L-Attorney General appella;

Il-Qorti reġgħet semgħet..........;

Mill-uniku xhud f'din il-kawża rriżulta li l-imputat u ċertu Seguna bdew jillitigaw fil-Għassa tal-Pulizija, u l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Seguna, u fil-pront il-pulizjotti ferquhom. Barra ngabru n-nies, u għalhekk ingħalaq il-bieb tal-Għassa, Milli setgħet tifhem il-Qorti, l-istorbju msemmi mix-xhud kien jikkonsisti fil-litigar bid-diskors, akkumpanjat bid-daqqa ta' ponn. Is-sempliċi litigar, anki b'leħen għoli, fil-Għassa tal-Pulizija ma jikkostitwixxix reat ta' disturb tal-publiku bon ordni, li huwa differenti mid-disturb tal-kwiet li jsir bl-għajjat u b'modi oħra; u lanqas ma jikkostitwixxi disturb tal-kwiet publiku: u anqas ma jinkiser dak il-bon ordni publiku, billi jinġemgħu barra n-nies kurjuži biex jaraw u jisimgħu x'ġara. Jibqa' għalhekk id-daqqa ta' ponn iżolata, u din tikkostitwixxi reat per sè kommess mhux fit-triq publika, iżda fil-Għassa tal-Pulizija, u għalhekk il-Qorti ma tifhemx kif b'dan ir-reat seta' ġie disturbat il-publiku bon ordni jew il-kwiet tal-publiku. U ladarba dak ir-reat hu persegwibili fuq istanza tal-parti offiża, dina l-parti tista' dejjem,

sas-sentenza, tirrinunzja għall-azzjoni, anki meta l-proċediment jiġi mibdi "ex officio" mill-Pulizija;

Il-liġi tagħti lill-Pulizija l-jedd li tipproċedi "ex officio" fil-każi persegwibili fuq istanza tal-parti offiża, meta dina, għeluq erbat ijiem wara r-reat, ma tkunx irrinunzjat għall-kwerela; għax tippreżumi li l-offiż ikun għad irid jipproċedi; iżda b'daqshekk l-azzjoni ma ssirx esklużivament tal-Pulizija. Dana l-liġi ma tgħidux, u mhux loġiku li jkun hekk. Anzi l-liġi, fl-art. 415 (2) tal-Kodiċi Kriminali, tikkontempla l-ipotesi li l-parti offiża tirrinunzja għall-kwerela billi tidher apposta wara l-istruttorja, meta mill-provi jkun jirriżulta li l-azzjoni tmiss lilha. F'dak il-każ il-proċediment bilfors ikun inbeda diġà, u jkunu għaddew l-erbat ijiem ta' fuq ir-reat;

Ladarba r-reat tas-swat ma kienx akkumpanjat bid-disturb tal-publiku bon ordni jew tal-kwiet tal-publiku, u għalhekk ma kienx akkumpanjat b'reat li jinteressa l-ordni publiku, u l-parti offiża rrinunzjat għall-azzjoni billi ħafret lill-imputat, l-azzjoni ġiet estinta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---